



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' April 2023
(OR. en)

8662/23

COH 39
EMPL 185
COMPET 350
EDUC 140

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	25 ta' April 2023
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 7575/23	
Suġġett:	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni "L-isfruttar tat-talent fir-regġuni tal-Ewropa" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (25.04.2023)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni "L-isfruttar tat-talent fir-regġuni tal-Ewropa", approvati mill-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fit-3945 laqgħa tiegħu fil-25 ta' April 2023.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL
dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill,
lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni
"L-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-Ewropa"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

- (1) JILQA' B'SODISFAZZJON il-Komunikazzjoni COM (2023) 32 final tas-17 ta' Jannar 2023 mill-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Kummissjoni") u l-enfasi tagħha fuq l-importanza li tingħata spinta lill-iżvilupp tat-talenti biex jittaffa l-impatt asimetriku tat-tranżizzjoni demografika fir-reġjuni Ewropej, b'mod partikolari dawk li qed jiffaċċjaw sfidi addizzjonali b'riżultat ta' tnaqqis aktar qawwi tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol tagħhom u tnaqqis fil-proporzjon ta' persuni b'edukazzjoni terzjarja jew żgħażaġh;
- (2) JIRRIKONOXXI l-Komunikazzjoni bħala sinjal pożittiv biex tinbeda s-sena Ewropea tal-ħiliet;
- (3) JAGĦRAF l-importanza tat-talent li jippermetti, fost l-oħrajn, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali;
- (4) JENFASIZZA, madankollu, li l-isfidi demografiċi ta' natura diversa u b'impatti differenti jaffettwaw ir-reġjuni kollha tal-UE, inkluż is-sottoreġjuni, u jistgħu jiskattaw disparitajiet territorjali ġodda u li jkomplu jikbru, u b'hekk, ixekklu r-reżiljenza u l-kompetittività tagħhom, jekk ma jiġux indirizzati;
- (5) JILQA' B'SODISFAZZJON l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tappoġġa reġjuni li qed jiffaċċjaw jew li jinsabu f'riskju li jiffaċċjaw nassa tal-iżvilupp tat-talenti, u JINNOTA l-pjan biex jitnieda Mekkaniżmu ta' Spinta tat-Talent;

- (6) JAQBEL mal-Kummissjoni li l-miżuri mmirati biex jippromovu, iżommu u jattiraw it-talent huma meħtieġa biex jittrasformaw ir-reġjuni milquta f'postijiet dinamiċi xprunati mit-talenti u li l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki bbażati fil-post, inkluż strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, kif ukoll l-approċċ minn isfel għal fuq, huma essenzjali f'dan ir-rigward;
- (7) F'dan ir-rigward, JISSOTTOLINJA l-importanza tal-koordinazzjoni, mingħajr piż amministrattiv miżjud, tal-programmi u s-sorsi ta' finanzjament tal-UE, u ta' strateġiji olistiċi mmirati biex jappoġġaw ir-rivitalizzazzjoni ekonomika u l-kompetittività tar-reġjuni li qed jiffaċċjaw jew li jinsabu friskju li jiffaċċjaw nassa tal-iżvilupp tat-talenti, billi jiġu indirizzati l-inefficijenzi fl-edukazzjoni u s-suq tax-xogħol, l-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa, il-miżuri ta' sostenibbiltà, il-konnettività u servizzi importanti oħra li jinfluwenzaw l-attrazzjoni ta' reġjun;
- (8) JISĦAQ FUQ l-importanza tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet biex tiġi stimulata l-kapaċità tar-reġjuni li qed jiffaċċjaw jew li jinsabu friskju li jiffaċċjaw nassa għall-iżvilupp tat-talenti biex jattiraw persuni b'livell għoli ta' hili, u JENFASIZZA l-ħtieġa li tiġi kondiviża l-prattika tajba, b'mod partikolari mill-proġetti pilota, għall-benefiċċju ta' kulħadd;
- (9) JAPPELLA lill-Kummissjoni biex timplimenta u tissorvelja l-attivitajiet inklużi fil-Komunikazzjoni, mingħajr ma żżid il-piż amministrattiv, u JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati biex jesploraw il-possibbiltajiet offruti mill-Komunikazzjoni, b'mod partikolari fl-implimentazzjoni tal-inizjattivi u l-politiki eżistenti tal-UE u fit-tfassil ta' oħrajn futuri, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni.
-